MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2004

Numru 206/2000

Il-Pulizija
(Sup. Alexandra Mamo)
vs
Alfred Baldacchino, iben Walter,
imwieled il-Ħamrun fis-16 ta'
ġunju, 1937

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat talli f'dawn il-Gżejjer, f'dawn l-aħħar snin, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda –
a. b'meżżi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew

sabiex tqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qliegħ ta’ aktar minn Lm10,000 bi ħsara tal-‘Ordo Byzantius Sancti Sepulchri’ – l-Ordni Biżantin ta’ Santu Sepulkru (Byzantine Order of the Holy Sepulchre), il-Gran Duca di Russia, Dimitrij X Dimitrevic di Russia u diversi persuni oħra;

b. talli approprja ruħu, billi dawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta’ ħaddieħor li kienet ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, u cioe’ ħa flejjes li jammontaw għal aktar minn Lm10,000, liema flejjes jappartjenu lill-‘Ordo Byzantius Sancti Sepulchri’ (L-Ordni Biżantin ta’ Santu Sepilkru) u dan ir-reat sar minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depozitu neċessarju;

ċ. talli għamel falsifikazzjoni f’dokument tal-Ordni Biżantin ta’ Santu Sepulkru u
cioe’ ffalsifika il-firma ta’ il-Gran Duca di Russia, Dimitrij X Dimitrevic di Russia u xjentement għamel użu minn dan id-dokument falsifikat;

d. mingħajr il-permess tal-Ministru responsabbli għall-Finanżi, għamel jew obbliga ruħu li jagħmel, xi investimenti barra minn Malta u cioe’ għamel investimenti f’banek taljani fosthom ‘La Banca Nazionale Del Lavoro’;

e. mingħajr il-permess tal-Ministru responsabbli għall-Finanżi, importa f’Malta u\jew esporta barra minn Malta, xi biljetti tal-flus jew muniti li huma jew li kienu f’xi żmien valuta legali f’Malta u cioe’ esporta flus minn Malta lejn l-Italja mingħajr il-permess tal-Ministru responsabbli għall-Finanżi.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex jibdew il-proċedimenti kriminali kontra l-imputat skond il-Kapitolu 233 tal-Liġijiet ta’ Malta dwar
il-Kontroll fuq il-Kambju.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta’ l-imputat bil-ġurament.

Rat is-sentenza tat-3 ta’ Lulju, 2001 mill-Qorti diversament presjeduta minn fejn jirrizulta li l-imputat ġie liberat mill-

ewwel tlett akkużi iżda sabet li l-imputat għandu jitqiegħed taħt att ta’ akkuża fuq ir-raba’ u il-ħames akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-31 ta’ lulju, 2001 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub –
Fl-artikoli 11 u 23 tal-Kapitolu 233 tal-liġijiet ta’ Malta; bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta’ din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta’ marzu, 2004 fejn il-partijiet qablu li ma hemm ebda prova li tirreferi għall-akkuża maħsuba taħt l-artikolu 23 tal-Kapitolu 233 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta’ marzu, 2004 fejn l-imputat ammetta l-ħames akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta’ l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tar-raba’ akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkuża.  Issibu ħati tal-ħames akkuża miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikolu 11 tal-Kapitolu 233 tal-Liġijiet ta’ Malta u tikkundannah għal ħlas ta’ multa ta’ mitt lira maltin (Lm100).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------